MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2147/2004

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Joseph Falzon sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Muscat**

**vs**

**Oscar Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici et. s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm262.78) rappresentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali tat-2 ta' Settembru 2003, f'Notabile Road, Attard, bejn il-vettura bin-numru LCH 095 misjuqa mill-konvenut u l-vettura KRL 219 misjuqa minn u proprjeta ta'l-assikurat tas-socjeta attrici Joseph Falzon, liema vettura kienet

assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2004, u ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet legali pagabbli mis-7 ta' Lulju 2004, kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici et sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici et s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm262.78), bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' lulju 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2004 u ta' dik ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------